**17 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

**Il-Pulizija**

*versus*

**Martin Fenech**

## Rikors ta' Appell

*Bil-"fatti fil-qosor" wiehed jifhem il-fatti saljenti tal-każ, esposti b'mod ċar iżda konċiż u b'tali mod li kemm l-intimat kif ukoll il-Qorti jkunu jistghu mill-ewwel jaqbdu x'inhuma l-fatti kif allegati mill-istess appellant. Ma jkunx sodisfatt il-vot ta' l-artikolu 419 (1) (a) jekk il-fatti jew ikunu sparpaljati 'l hawn u 'l hinn fir-rikors jew ikunu maghguna ma' l-aggravju jew aggravji. Bhalma l-indikazzjoni ta' l-aggravji ma tistax issir b'sempliċi referenza ghall-fatti, hekk ukoll il-fatti jridu jkunu esposti indipendentement mill-aggravji, liema aggravji jistghu jkunu kemm fuq punti ta' fatt kif ukoll fuq punti ta' dritt, sostantiv jew proċedurali.*

*Biex ikun sodisfatt il-vot ta' l-artikolu 419 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali hu mehtieġ li l-motiv (jew motivi) indikat ikun speċifiku u konkret u mhux sempliċi dikjarazzjoni ta' idea vaga u indeterminata li tirrendi neċessarja tfittxija biex il-ġudikant jistabbilixxi n-natura vera tal-motiv (jew motivi) ta' l-appell.*

*F'din is-sentenza, filwaqt li l-Qorti fahhret kull sforz li jsir biex fl-atti ġudizzjarji tiġi kkoltivata l-prassi ta' l-ekonomija tal-kliem, hu evidenti li tali ekonomija ma tistax tkun a skapitu tas-sens u l-iskop ġuridiku ta' l-att in kwistjoni, ċjoe' ma tistax tkun ekonomija tali li ġġib fix-xejn u tirrendi inoperattiv u bla sens dak l-att.*

*Li wiehed jghid "l-fatti jirriżultaw il-kontra" minghajr ma jghid*

*x'inhuma dawk il-fatti, ċertament ma jissodisfax il-vot tal-liġi.*

*Li wieħed jgħid li kien hemm enunċjazzjoni ħażina jew applikazzjoni ħażina u inkompleta ta' l-ipotesi tal-liġi mingħajr ma jispeċifika d-disposizzjoni tal-liġi li ġiet hekk enunċjata jew applikata ħażin u mingħajr ma jindika fejn fis-sentenza jew f'xi provvediment anteċedenti għal dik is-sentenza tirriżulta tali enunċjazzjoni żbaljata, ma jissodisfax il-vot ta' l-artikolu 419 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Martin Fenech talli fil-15 ta' Ottubru, 1995 għall-ħabta tad-9.20 a.m. fl-inħawi ta' faċċata tal-Ġnejna: (1) matul l-istaġun magħluq għat-teħid u l-kaċċa ta' l-għasafar minn fuq il-baħar ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu xi għasfur u ġarr munizzjon u arma tan-nar li għandha liċenzja għall-kaċċa; (2) fl-istess data, ħin u lok waqt li kien fuq opra tal-baħar filwaqt li kien anqas minn tliet kilometri mill-kosta kellu arma tan-nar (senter Browning Ser. POI 8589) li kellu liċenzja għall-kaċċa u li kien ikkargat 4 skrataċċ fil-magazin u ċinturin 56 skartoċċ u li l-istess arma kellha l-kanna tagħha mhux żarmata mill-bqija ta' l-arma tan-nar; (3) u aktar, talli fl-istess data, ħin u lok dar biex jipprova jikkaċċja jew jikkaċċja għasafar meta ma kellux fuqu karta ta' l-identita` maħruġa taħt l-Att tal-Karta ta' l-Identita` u liċenzja maħruġa fuq ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija skond il-liġi, l-Ewwel Qorti kienet mitluba li minbarra li tagħti l-piena skond il-liġi tordna l-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-18 ta' Settembru, 1996 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Martin Fenech mhux ħati skond it-tielet imputazzjoni iżda ħati skond l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, ikkundannatu

multa ta' tliet mitt lira (Lm300) u ordnat il-konfiska ta' l-arma tan-nar Browning POI 8569; dik il-Qorti ordnat ukoll li l-multa tiġi kkomminata f'xahrejn ħabs fin-nuqqas ta' ħlas *ai termini* ta' l-artikolu 14 tal-Kap. 9;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Martin Fenech minnu ppreżentat fit-30 ta' Settembru, *1996 li permezz tiegħu talab* ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza in kwantu tikkonċerna l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet lill-Avukat Dott. Angelo Farrugia għall-appellant u lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said fl-udjenza tat-2 ta' Mejju, 1996; ikkunsidrat:

Dan huwa provvediment dwar il-punt issollevat mill-Qorti *ex officio fl-imsemmija udjenza u ċjoe' dwar ir-ritwalita'* o meno tar-rikors ta' appell irid ikun fih, taħt piena ta' nullita', il-fatti fil-qosor u r-raġunijiet ta' l-appell. Inoltre, skond il-paragrafu (ċ) ta' l-imsemmija disposizzjoni, ir-rikors irid ikun fih ukoll it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri. Skond ġurisprudenza kostanti, in-nuqqas ta' xi waħda minn dawn il-formalitajiet hi sollevabbli *ex officio* mill-Qorti;

Issa, fir-rikors ta' appell l-appellant, wara li rriproduċa l-imputazzjonijiet u d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti u wara li fisser li talab is-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza peress li ħassu aggravat, jgħid li ħassu aggravat mis-sentenza minħabba s-segwenti:

"(i) li l-fatti jirriżultaw il-kontra;

*(ii) li l-esponent kien kif irriżulta mill-istess provi diehel*

lura lejn il-kosta wara sajda għall-ħut (fl-istaġun tal-lampuki) u mhux għall-kaċċa minn fuq il-baħar; u

(iii) li kien hemm enunċjazzjoni ħażina u applikazzjoni ħażina u inkompleta ta' l-ipotesi ta' l-istess liġi";

Issegwi mbagħad it-talba għar-revoka (li proprjament hija talba għar-riforma) tas-sentenza;

Fil-bran appena ċitat jidher li l-appellant qed jippretendi li hemm kemm il-fatti fil-qosor kif ukoll ir-raġunijiet ta' l-appell. Filwaqt li din il-Qorti tfaħħar kull sforz li jsir biex fl-atti ġudizzjarji tiġi kkoltivata l-prassi ta' l-ekonomija tal-kliem, hu evidenti li tali ekonomija ma tistax tkun a skapitu tas-sens u l-iskop ġuridiku ta' l-att in kwistjoni, ċjoe' ma tistax tkun ekonomija tali li ġġib fix-xejn u tirrendi inoperattiv u bla sens dak l-att. Kif ġie rritenut minn din il-Qorti f'diversi sentenzi tagħha, bil-"fatti fil-qosor" wieħed jifhem il-fatti saljenti tal-każ; esposti b'mod ċar iżda konċiż u b'tali mod li kemm l-intimat kif ukoll il-Qorti jkunu jistgħu <u>mill-ewwel</u> jaqblu x'inhuma l-fatti kif allegati mill-istess appellant. Ma jkunx sodisfatt il-vot ta' l-artikolu 419 (1) (a) jekk il-fatti jew ikunu sparpaljati 'l hawn u 'l hinn fir-rikors - li mhuwiex il-każ odjern - jew ikunu magħġuna ma' l-aggravju jew aggravji. Bħalma l-indikazzjoni ta' l-aggravji ma tistax issir b'sempliċi referenza għall-fatti, hekk ukoll il-fatti jridu jkunu esposti indipendentement mill-aggravji, liema aggravji proċedurali (ara **Il-Pulizija** *vs* **Nicholas Mallia**, App. Krim. 5/6/96, **Il-Pulizija** *vs* **Robert Caligari Conti**, App. Krim., 10/12/96). Fil-każ in diżamina li wieħed jgħid sempliċment li "l-fatti jirriżultaw il-kontra", mingħajr ma jgħid x'inhuma dawk il-fatti, ċertament ma jissodisfax il-vot tal-liġi. Jekk il-paragrafu (ii) hu intiż biex jesponi aggravju, allura hemm assenza totali u lampanti tal-fatti fil-qosor. Jekk, pero', dana l-paragrafu hu intiż - kif din il-Qorti

tahseb li kien intiż - bħala esposizzjoni ultra-konċiża tal-fatti, l-uniku paragrafu li jesponi r-raġunijiet ta' l-appell hu dak immarkat bin-numru (iii). Kif ġie mfissser minn din il-Qorti, biex ikun sodisfatt il-vot tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 419 tal-Kodiċi Kriminali hu meħtieġ li l-motiv (jew motivi) indikat ikun speċifiku u konkret u mhux sempliċi dikjarazzjoni ta' idea vaga u indeterminata li tirrendi neċessarja tfittxija biex il-ġudikant jistabbilixxi n-natura vera tal-motiv (jew motivi) ta' l-appell; "... *il motivo e' specifico qaundo circoscrive il punto della decisione su cui e' richiamata l'attenzione del giudice al gravame, ed individua in modo, sia pure succinto, ma preciso, gli elementi di fatto e di diritto che stanno a base di una concreta censura*" (ara **Joseph Sciberras** *vs* **Joseph Zahra** *et.*, App. Krim., 22/3/50, **Il-Pulizija** *vs* **Mario Joseph Bonello**, App. Krim., 11/11/94; **Il-Pulizija** *vs* **George Felice**, App. Krim., 11/10/95). Li wieħed jgħid li kien hemm enunċjazzjoni ħażina jew applikazzjoni ħażina u inkompleta ta' l-ipotesi tal-liġi mingħajr ma jispeċifika d-disposizzjoni tal-liġi li ġiet hekk enunċjata jew applikata ħażin u mingħajr ma jindika fejn fis-sentenza jew f'xi provvediment anteċedenti għal dik is-sentenza tirriżulta tali enunċjazzjoni żbaljata, ma jissodisfax il-vot ta' l-artikolu 419 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali;

Tħares kif tħares lejn il-bran ċitat, hemm karenza kemm tal-fatti fil-qosor u ta' l-aggravju jew aggravji ta' l-appell. Għall-motivi premessi din il-Qorti tiddikjara l-appell interpost bħala irritu u null u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

---